31993R1486



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1486/93 tat-16 ta' Ġunji 1993 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/93 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana [1], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1001/87 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura maqgħuda annessa ma' l-imsemmi Regolament, jeħtieġ li jkunu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija għal kollox jew f'parti bbażata fuqha jew li żżidilha kull suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, biex tgħodd it-tariffa jew miżura oħra dwar il-kummerċ fl-oġġetti;

Billi bis-saħħa ta' l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċijiet NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet mfissra fil-kolonna 3;

Billi huwa xieraq li, l-informazzjoni li torbot fuq it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda u li ma jikkonformaw mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jibgħu jkunu invokati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 [3], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2674/92 [4], għall-perjodu ta' tliet xhur mid-detentur jekk kuntratt li jorbot ġie konkluż kif hemm maħsub fl-Artikolu 14(3) (a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90 [5];

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma klassifikati fin-Nomenklatura Maqgħuda taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

*L-Artikolu 2*

L-informazzjoni li torbot fuq it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jkunu invokati bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għall-perjodu ta' tliet xhur mid-detentur jekk kuntratt li jorbot ġie konkluż kif hemm maħsub fl-Artikolu 14(3) (a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90;

*L-Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Ġunju 1993.

*Għall-Kummissjoni*

Christiane SCRIVENER

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 104, tad-29.4.1993, p. 28.
[3] ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.
[4] ĠU L 271, tas-16.9.1992, p. 5.
[5] ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.

*L-ANNESS*

| Deskrizzjoni | Klassifikazzjoni Kodiċi NM | Raġuni |
|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 |
| Preparazzjoni ta' l-ikel sterilizzat fil-forma ta' likwidu abjad ħalib opak li jintiegħem u jinxtamm bħala kokonat, magħmul mit-tħin u t-tagħsir tal-polpa tal-kokonat flimkien ma' l-ilma, u għandu l-propjetajiet analitiċi li ġejjin:<br>Ilma: 79,6 % fil piz<br>Sakkarożju 3,3 % fil piz<br>Kontenut taxx aħam totali 16,6 % fil piz<br>Fibra 0,1 % fil piz<br>Irmied 0,4 % fil piz<br>Dan il-prodott jinbiegħ bħala "ħalib tal-kokonat" f'landa ta' 400 ml għall-ħtiġiet ġenerali kulinarji ġenerali eż fil-preparazzjoni ta' dežerti, zlazi, eċċ. | 0406 20 90 | Il-klassifikazzjoni skond ir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u bil-kliem tal-kodiċijiet 2106, 2106 90 u 2106 90 91.<br>Billi kważi l-fibra kollha tneħħiet, u l-preparazzjoni ma tista tkun ikkunsidrata bħala prodott li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2008 19. |